

REGOLAMENT (UE) 2015/937 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tad-9 ta' Ġunju 2015****li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 ⁽²⁾ daħal fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 1993 u ġie applikat mill-1 ta' Jannar 1993.
- (2) Fit-22 ta' Awwissu 2012, il-Federazzjoni Russa ssieħbet fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Bħala konsegwenza, ir-Repubblika tas-Serbja baqgħet l-aħħar pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea kellha ftehim bilaterali dwar il-kummerċ fit-tessuti.
- (3) Fid-29 ta' April 2008, ġie ffirmat il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra ⁽³⁾. Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013.
- (4) Fl-1 ta' Frar 2010, daħal fis-seħħ il-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra ⁽⁴⁾. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 ma baqax japplika għall-importazzjonijiet mis-Serbja.
- (5) It-Titolu I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 427/2003 ⁽⁵⁾ skada fil-11 ta' Diċembru 2013. Għaldaqstant, skadiet il-possibbiltà li jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja permezz ta' dak il-mekkaniżmu.
- (6) Għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 għandu għalhekk jiġi revokat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3030/93 hu revokat.

⁽¹⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2015 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċizzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2015.

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi (ĠUL 275, 8.11.1993, p. 1).

⁽³⁾ ĠUL 278, 18.10.2013, p. 16.

⁽⁴⁾ ĠUL 28, 30.1.2010, p. 2.

⁽⁵⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 427/2003 tat-3 ta' Marzu 2003 dwar mekkaniżmu transitorju ta' salvagwardja għal prodotti partikolari għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 519/94 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠUL 65, 8.3.2003, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, id-9 ta' Ġunju 2015.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

Z. KALNIŃA-LUKAŠEVICA
